MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Numru 240/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin Sciberras talli fl-10 ta’ Mejju 2000 ghall-habta tat-8.30am f’Sannat, Ghawdex:

(1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 906 Raymond Rapa meta saq minn fuq siequ l-leminija bil-karoza tieghu tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni HAL-042, skond kif iccertifika it-Tabib John Xuereb Curmi MD ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali;

(2) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 906 Raymond Rapa, ufficjal inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali;
(3) aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna PC 906 R. Rapa skond kif iccertifika it-Tabib John Xuereb Curmi MD ai termini tal-Artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali;
(4) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni HAL-042 bi traskuragni kbira u b' mod perikoluz, ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap 65;

L-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imsemmi Sciberras milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux anqas minn tmint ijiem;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Benjamin Sciberras hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta' mija w hamsin lira (Lm150) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenszja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Benjamin Sciberras, minnu ppresentat fl-14 ta' Ottubru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell idur kollu kemm hu fuq apprezzament tal-provi. Infatti l-aggravju ta' l-appellant hu migjub f'dawn it-termini:

**Illi l-incident tal-10 ta' Mejju tas-sena elfejn gie pprovokat u kkawzat minn PC 906 Raymond Rapa kif**

**gie dettaljatament ippruvat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Izda l-Qorti tal-Prim Istanza tat biss piz lix-xhieda ta' PC Raymond Rapa u f'ebda hin ma rreferiet ghal xhieda ohra li ikkorroboraw dal li ntqal mill-appellant u waslet ghall-konkluzzjoni li l-verzjoni ta' l-appellant Sciberras m'hiex verosimili ghas-semplici raguni li huwa ta daqqiet fuq il-bieba tal-karozza minn gewwa.**

Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti difficilment tvarja l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti setghet, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. F'dan il-kaz ghandna bazikament zewg verzjonijiet li ma jaqblux fuq punti sostanzjali: dik ta' l-appellant u dik tal-Kuntistabbli Rapa.

L-incident jista', ghall-pratticita`, jinqasam fi tlett stadji: l-istadju inizjali meta l-appellant gie mwaqqaf mill-Kuntistabbli Rapa ghax, skond dan, kien saq b'mod traskurat fil-vicinanza ta' *zebra crossing*; it-tieni stadju meta l-kuntistabbli beda jiehu l-partikolaritajiet ta' l-appellant; u t-tielet stadju meta jirrizulta li kien hemm tixir ta' l-idejn u tas-saqajn kemm minn naha ta' l-appellant kif ukoll minn naha tal-kuntistabbli.

Dwar l-ewwel "episodju" din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma necessarjament kienet l-ewwel qorti, li l-appellant saq ghal fuq iz-*zebra crossing* b'certu traskuragni (mhux "traskuragni kbira" kif hemm fl-imputazzjoni) tant li ghadda zbrixx minn mal-Kuntistabbli -- jidher li l-kawza kienet nuqqas ta' attenzjoni momentanea. Pero` mid-deposizzjoni tal-Kuntistabbli Rapa moghtija quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li b'rizultat ta' dan is-sewqan traskurat dana l-kuntistabbli sofra xi offiza, anke jekk biss hafifa. Il-fatt li rota tal-vettura ghaddiet kemm kemm minn fuq il-ponta taz-zarbun tal-kuntistabbli ma jammontax minnu nnifsu ghal offiza fuq il-persuna. Kien ikun differenti, per ezempju, li kieku rrizulta li r-rota ghaddiet minn fuq is-swaba ta' saqajh; pero` l-kuntistabbli baqa jinsisti li r-rota ghaddiet biss "minn fuq il-pont taz-zarbun" (ara in partikolari t-twegibiet tal-kuntistabbli in kontro-ezami fl-

udjenza tas-6 ta’ Jannar, 2003). Huwa mkien ma jghid li b’rizultat tal-fatt li r-rota ghaddiet minn fuq il-ponta taz-zarbun huwa b’xi mod wegga’. Ghalhekk, filwaqt li r-raba’ imputazzjoni tirrizulta pruvata, l-istess ma jistax jinghad ghall-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni “episodju”, jirrizulta li kif appena il-kuntistabbli ordna lill-appellant biex jieqaf, dan gibed ftit lejn il-genb u waqaf. Il-kuntistabbli mar biex jiehu l-partikolaritajiet ta’ l-appellant, u dan beda jaghtihomlu. F’dan il-waqt skond il-kuntistabbli – u din il-Qorti f’dan ir-rigward ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament ta’ l-ewwel qorti – l-appellant idirizza lill-istess kuntistabbli, ghal aktar minn draba, bil-kliem “Int qed titkessah. Innezzalek l-uniformi”. Dawn jammontaw ghal kliem ta’ theddid indirizzati lejn persuna inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li qed taghmel jew minhabba li tkun hekk ghamlet dak is-servizz. Huwa f’dan is-sens, u f’dan is-sens biss, li din il-Qorti tara li jikkonfigura r-reat kontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali u ipotizzat fit-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghat-tielet “episodju”, din il-Qorti hi tal-fehma li kemm l-appellant kif ukoll il-kuntistabbli xejjru b’idejhom u laqtu lil xulxin, kif ukoll kien hemm tixjir tas-saqajn. Skond il-versjoni tal-kuntistabbli, wara li l-appellant irrepeta l-kliem imsemmi fil-paragrafu precedenti, huwa (cioe` il-kuntistabbli) tbaxxa biex gie livell mat-tieqa tal-Mini Minor u qallu “X’taghmel?”, u kien f’dan il-hin li l-appellant tah daqqa b’idejh fuq wiccu u qasamlu xofftu. Il-kuntistabbli jammetti li f’dan il-waqt infixel, tajjar il-biro li kien qed jikteb biha, u pprova johrog bil-forza lill-appellant mill-vettura, izda ma rnexxilux ghax l-appellant beda jxejjer bis-sieq. L-appellant, invece, jghid li waqt li hu kien bilqeghda fil-karozza u qed jaghti l-partikolaritajiet lill-kuntistabbli, dan beda jxejjirlu daqqiet bil-ponn ta’ xejn b’xejn tant li laqtu anke fuq il-qmis bil-ponta tal-biro li kellu f’idu; u li f’hin minnhom il-kuntistabbli pprova jissara biex jiftah il-bieba tal-vettura biex johrog lilu minn go fiha.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollha – inkluzi r-ritratti ezibiti minn PC 612 Theo Vella u PC 659 Jeffrey Hughes, liema ritratti jindikaw proprju marki ta’ biro

fuq il-komma l-leminija tal-qmis li kien liebes l-appellant – hi tal-fehma li ftit qabel ma kien hemm it-tixjir ta' l-idejn u bis-sieq il-kuntistabbli kien b'xi mod mess, anke jekk biss fis-sens li imbotta, lill-appellant fuq spalltu jew drieghu. Fil-fehma tal-Qorti ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghal dana l-agir, li ma kienx jinkwadra fis-servizz pubbliku li Rapa suppost li kien qed iwettaq, b'mod ghalhekk ukoll li dak li gara wara m'ghandux jigi penalizzat taht l-Artikolu 95(1) izda, se mai, taht id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw l-offizi fuq il-persuna. Anqas jaghti lok, dana l-agir, ghall-iskuzanti kontemplata fil-paragrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 230 tal-Kodici Kriminali. Pero` dana l-agir skonsiljat tal-kuntistabbli ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-piena. Il-Qorti tosserva b'mod generali li jekk kien hemm dak l-attrit kollu bejn Rapa u l-appellant minhabba nuqqas ta' buon vicinat, l-imsemmi kuntistabbli kellu jagixxi b'ferm aktar prudenza milli fil-fatt agixxa in esekuzzjoni tad-doveri tieghu. Il-buon sens evidentement mhux il-forte ta' dan il-kuntistabbli. Mill-bqija, pero`, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-htija skond it-tielet imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Sciberras hati skond l-ewwel imputazzjoni, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni;
2. thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imsemmi Benjamin Sciberras multa ta' mija w hamsin lira u fejn issospendietu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett xhur, u minflok tikkundannah **multa komplessiva ta' sittin lira (Lm60)** (konvertibbli fi tnax-il gurnata prigunerija fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi), kif ukoll **tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' tmint ijiem** (liema periodu jibda jiddekorri mill-lum);
3. u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------